## MISS UNIVERSE

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Xeghlet id-dinja bik, tfajla sabiħa
Li sraqt l-għajnejn imġenna ta' l-ibliet,
Għaliex bħall-klieb u ż-żwiemel ħriġt rebbieħa
Fil-wirja ta' das-seklu, tat-tfajliet.

Nofsok mostura, kollox lwien u fwieħa,
Għoġobthom 'l-imħallfin tal-ġmilijiet:
Kif huma ssaħħru wrajk, lid-dinja sħiħa
Stqarrewk bħala reġina tax-xbejbiet.

Ifraħ bi ġmielek, 'ma tinsiex kemm isbaħ
Minnek fi djarhom hemm tfajliet miġbura
Jew jaħdmu r-raba' taħt ix-xemx qalila.

Belha li inti! Ma jdumx wisq ma jisbaħ
U tkun tixtieq li flok bil-ġmiel u s-sura
Tgħaxxaqt bis-sliem, bħal dawk, u b'ħajja twila.

---

## WARA RAQDA FIL-BUSKETT FL-IMNARJA

*Ta'* MANWEL CASSAR

Hawnhekk fejn qalb is-siġar smajt l-għannejja
Ihanxru il-għanjiet tradizzjonali
Fuq ferħ u diq l-imħabba, fuq l-inkejja,
Fuq ħidma u bhejjem, fuq mistrieħ u għali,

Fejn fuq is-sodda tal-ħaxix, bi ħdejja
Il-grillu jmegħ'sni minn ġol-palm fil-għoli,
Irqadt għall-Qamar sħiħ li dawlu lejja
Bħala bews fietel u fiddien tefagħli,

Hawnhekk fhimt x'kien hemm moħbi f'dik il-ħrara
Li kebbset qlub iż-żingari mgħoddija
Biex tfittex il-miftuħ u tħalli darha,

Għaliex il-lum inħoss li fit-tħollija
Tal-għagħa tal-bnedmin hemm il-fawwara
Li tisqi 'l-qalb bil-għana u bit-tħennija.

29. 6. 53.



## NEMUSA

*Ta'* V. UNGARO

*Lil Mary Meilaq.*

Ċkejkna Nemusa
X'int inkejjuża
Ta' kull fi-għaxija
Bl-eqqel ħruxija
Qisek raddiena
Iddur bla ħniena
Tvenven ma' rasi
Tisraqli nagħsi!
Tiġi tgiddimni
Tiġi tqajjimni
U tiffittani
Sakemm tarani
Għajjien bla sabar.
Għandek mill-labar
Tniggeż bla ħniena
U msejken jiena
Bla serħ ma nara
Indur bi ħrara
B'għajnejn imberrqa
Biex forsi b'serqa
Naħkmek f'idejja
X'ħin toqrob lejja.
Iżd'int brikkuna,
Għalkemm ċkejkuna,
Minn bejn subgħajja
Taħrabli ħajja
U terġa' tvenven
U tibqa' twerden
Sakemm tgħajjini
Bla ma tħallini

Nagħlaq għajnejja
Tqila bil-għeja:
Imrar dewwaqtni,
Taf kif dejjaqtni!
Indur elf darba,
Toħroġ mitt karba
Mill-qalb għajjiena;
Iżd'int, bla ħniena
Terġa' għall-għarrieda
Tissokta l-ġlieda,
W aktar minn qabel,
Qatta bla ħabel,
Taħbat għalija
Bl-eqqel ħruxija
Mur qalb il-qsari
Taqbadx ma' xagħri
Għax jekk tiffitta
Inqum nifflitta
Sakemm storduta
Narak mixħuta
Ma' l-art titmiegħek
Fit-telfa tiegħek.
Mur u ħallini
M'għandekx xi tridni:
Jekk int tismagħni
Rieqed tarani;
Jekk int tqajjimni
Għadu tagħmilni
Mur ja nemusa,
Tkunx inkejjuża!

---